



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0181/2011

29.4.2011

RAPPORT

dwar l-UE bħala attur globali: ir-rwol tagħha fl-ambitu tal-organizzazzjonijiet multilaterali
(2010/2298(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: María Muñiz De Urquiza

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	16
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	18

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-UE bħala attur globali: ir-rwol tagħha fl-ambitu tal-organizzazzjonijiet multilaterali (2010/2298(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tema 'Għal governanza ġdida tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali',
- wara li kkunsidra l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, espress fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 21(1) u (2)(h) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, li jitolbu li l-Unjoni tippromwovi soluzzjonijiet għal problemi komuni, partikolarment fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, u sabiex tikseb grad għoli ta' kooperazzjoni biex tiġi promossa sistema internazzjonali bbażata fuq kooperazzjoni multilaterali iktar b'saħħitha u governanza globali tajba,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ta' abbozz dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fix-xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti¹,
- wara li kkunsidra l-prijoritajiet tal-UE għall-65 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottati mill-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2010²,
- wara li kkunsidra l-arranġamenti interni stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Settembru 2010 biex tittejjeb il-politika esterna tal-Unjoni Ewropea permezz ta' approċċ iktar integrat³,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ESS) intitolata 'Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar', adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha bit-titolu 'Nipprovdu s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel', tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2008,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu 'L-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti: L-Għażla tal-Multilateraliżmu' (COM(2003)0526),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar it-tisħiħ tal-OSKE – rwol għall-UE⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta' stabbiltà tal-Unjoni,

¹ Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/64/L.67.

² Kunsill tal-Unjoni Ewropea 10170/10.

³ EUCO 21/01/10 REV 1 Anness I.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2010)0399.

b'mod partikolari fiż-żona tal-euro¹,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju dwar l-aspetti istituzzjonali tal-adezzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali²,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu destinata lill-Kunsill dwar il-65 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti³,
 - wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar ir-rwol tan-NATO fl-istruttura ta' sigurtà tal-UE⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali⁵,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0181/2011),
- A. billi l-proċessi ta' globalizzazzjoni jinvolvu medda wiesgħa ta' opportunitajiet, sfidi u theddidiet għall-governanza globali filwaqt li jiżvelaw nuqqasijiet soċjali u fallimenti, inkluż fis-swieq finanzjarji, fis-sigurtà tal-enerġija, fil-ġlieda kontra l-faqar, fil-politika dwar it-tibdil fil-klima u fil-ksur tad-drittijiet umani; billi sfidi u theddidiet globali jeħtieġu kooperazzjoni dinjija u azzjoni kollettiva sabiex jiġu trattati kif ukoll istituzzjonijiet effettivi u regoli leġittimi; filwaqt li, sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali ikunu leġittimi u effettivi, jeħtieġhom jirriflettu l-interessi tal-istati kollha fid-dinja multipolari,
- B. billi l-impenn tal-UE għal multilateraliżmu effettiv, kif imniżżel fl-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea tal-2003, huwa l-prinċipju ta' gwida tal-azzjoni esterna Ewropea; billi l-UE – bl-esperjenza interna tagħha ta' kooperazzjoni fost nazzjonijiet u istituzzjonijiet, ordni bbażata fuq ir-regoli u multilateraliżmu fuq skala multipla - għandha responsabbiltà globali speċjali li għandha tkompli tħares; billi l-UE hija mgħammra b'set ta' valuri – eż. ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, il-fraternità u l-istat tad-dritt – u għodod tal-politika, inkluża personalità legali unika, meħtieġa biex issaħħaħ l-istrutturi multilaterali,
- C. billi l-valur miżjud tas-sħubija tal-UE f'organizzazzjonijiet multilaterali jinsab fl-oqsma fejn għandha kompetenzi esklużivi jew maqsuma: kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, il-politika ambjentali, l-għajjnuna tal-iżvilupp, u l-politika ta' sigurtà u difiża: billi l-UE jista' jkollha wkoll valur miżjud f'dawk l-organizzazzjonijiet multilaterali jew samits li fihom mhux il-membri kollha tagħha huma rappreżentati,

¹ Testi adottati, P7_TA(2010)0377.

² Testi adottati, P7_TA(2010)0184.

³ P7_TA(2010)0084.

⁴ ĠU C 76E, 25.3.2010, p.69.

⁵ ĠU C 76E, 30.11.2010, p.118.

- D. billi t-Trattat ta' Lisbona, billi jintroduċi l-peronalità legali tal-Unjoni, itejjeb il-kapaċità tal-UE li tissieħeb f'diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, jafdalha firxa usa' ta' kompetenzi fl-azzjoni esterna tagħha, jipprovdi lill-Unjoni l-opportunità li jkollha vuċi iktar ċara u b'saħħitha fid-dinja, l-aktar permezz tal-ħolqien tal-kariga ta' Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), kif ukoll jinkoraġġixxi kull tip ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti, u filwaqt li jippermetti li l-Unjoni torganizza lilha nnifisha b'tali mod li ssir protagonista globali effettiv,
- E. billi l-Unjoni, skont l-Artikolu 21.2.h. TUE, għandha tippromwovi sistema internazzjonali bbażata fuq kooperazzjoni multilaterali iktar b'saħħitha u governanza globali tajba u billi l-Istati Membri tal-UE, abbażi tal-Artikolu 32 TUE, għandhom jiżguraw, permezz tal-konverġenza tal-azzjonijiet tagħhom, li l-Unjoni tkun tista' turi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena internazzjonali; billi l-impenn tal-UE biex issir attur globali jeħtieġ il-kapaċità u r-rieda li tipproponi riformi komprensivi tal-organizzazzjonijiet u l-fora multilaterali,
- F. billi t-Trattat ta' Lisbona ħoloq strutturi permanenti ġodda għar-rappreżentanza esterna tal-UE, li jipprovdu li r-rappreżentanti l-ġodda tal-UE jassumu funzjonijiet li qabel kienet taqdihom il-Presidenza b'rotazzjoni tal-UE, u billi l-ħolqien tal-SEAE jipprovdi opportunità li teżerċita diplomazija multilaterali effiċjenti,
- G. billi r-rappreżentanza tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'organizzazzjonijiet multilaterali, samits informali u reġimi internazzjonali hi frammentata, spiss ineffettiva, u għadha tvarja ħafna; billi r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni żviluppat b'mod mhux iffukat, inkonsistenti u daqsxejn *ad hoc*; billi rappreżentanza esterna frammentata x'aktarx li ddgħajjef il-messaġġ u l-impenn tal-UE favur multilateraliżmu effettiv u governanza globali, u billi kompetenzi dgħajfa tal-UE u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni mhux effettivi jistgħu jimpedixxu lill-UE milli titkellem b'vuċi waħda fl-arena internazzjonali, b'hekk jilimitaw il-kapaċità tagħha li tiddeċiedi u jnawru l-kredibbiltà tagħha; billi l-massimizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ tat-Trattat fl-isfera internazzjonali jeħtieġ rieda politika u flessibilità qawwija min-naħa tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda r-rappreżentanza tagħhom, u filwaqt li l-istatus tal-UE f'organizzazzjonijiet internazzjonali spiss ma jlaħħaqx mal-iżvilupp tal-kompetenzi tal-UE,
- H. billi r-rappreżentanza esterna tal-UE fix-xena multilaterali tvarja minn istanzi fejn l-Istati Membri kollha huma membri sħaħ u l-UE hi osservatur (eż. IMFC, Kumitat għall-Iżvilupp, Kunsill Ewropew), filwaqt li tgħaddi minn każijiet fejn l-Istati Membri kollha kif ukoll l-UE huma membri sħaħ (eż. FAO, WTO) jew parteċipanti sħaħ (eż. G-8/G-20), sa organizzazzjonijiet fejn xi Stati Membri tal-UE jaġixxu bħala membri sħaħ u l-UE ma għandha l-ebda status (Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, xi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali); billi l-maġġoranza ta' sitwazzjonijiet kumplessi jinqalġu fejn l-UE u Stati Membri jkollhom kompetenzi komuni, jew jikkombinaw kompetenzi esklussivi u komuni,
- I. billi l-kriżi finanzjarja globali ħaffet it-trasferiment tal-piż ekonomiku relattiv minn ekonomiji avvanzati lejn swieq emerġenti, u billi meta mqabbel ma dan l-isfond, l-UE ikollha biss vuċi b'saħħitha u effettiva fid-dinja jekk hija tagħti messaġġ uniku,

- J. billi l-Istati Membri tal-UE qed jipprijoritizzaw ir-riforma u jsaħħu n-NU sabiex tipprovdi rappreżentanza iktar ekwa, biex jiġu riflessi r-realtajiet ġeopolitiċi tal-lum li qegħdin jinbidlu fis-sħubija tal-Kunsill tas-Sigurtá, u biex jagħmluha kapaċi tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha u taġixxi effettivament billi tipprovdi soluzzjonijiet għal sfidi globali u twieġeb għal theddidiet prinċipali; billi l-UE tipprovdi iktar minn terz tal-baġit regolari tan-NU, iktar minn tnejn minn kull ħames operazzjonijiet tal-paċi tan-NU, u madwar nofs il-kontribuzzjonijiet għal fondi u programmi tan-NU, u billi l-impenn finanzjarju tagħha għandu jkun konsistenti mal-piż politiku,
- K. billi l-mekkaniżmi istituzzjonali bħall-koordinazzjoni dejjem eqreb u effettiva bejn l-Istati Membri tal-UE jistgħu jidhru bħala mezzi biex jinkiseb l-oġettiv tar-rappreżentanza esterna konġunta tal-UE u l-Istati Membri tagħha, u billi konsultazzjonijiet bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew fl-oqsma tas-PESK/PSDK jistgħu jsiru katalist f'dan il-proċess,
- L. billi r-riforma tal-2010 tad-dritt tal-vot u tal-kwota tal-Fond Monetarju Ewropew u l-Bank Dinji tirriżulta f'żieda sinifikanti fil-voti u r-rappreżentanza tas-swieq emerġenti u ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-ambitu tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, li għet faċilitata minn kontribuzzjonijiet Ewropej, billi r-rwol ewlieni tal-UE – minkejja d-daqs tal-kontribuzzjoni tagħha għall-kapital ta' dawn l-istituzzjonijiet – ma jikkorrispondix bis-sħiħ mar-relevanza tagħha fl-ekonomija l-kummerċ mondjali u billi l-istruttura attwali tar-rappreżentanza esterna tinvolvi spejjeż għoljin ta' tranżazzjoni u ta' koordinazzjoni,
- M. billi l-oġġettiv komuni tal-akkwist ta' 'sħubija strateġika' għandu jippermetti iktar massimizzazzjoni tal-assi taż-żewġ organizzazzjonijiet u jassigura kooperazzjoni effettiva; billi l-UE u n-NATO għandhom jiżguraw il-ġestjoni ta' kriżijiet sabiex jidentifikaw l-aħjar rispons possibbli għal kriżi, b'azzjoni verament ikkoordinata u li tisfrutta l-għarfien espert u r-riżorsi taż-żewġ organizzazzjonijiet, skont il-konklużjonijiet tas-Samit ta' Washington tan-NATO tal-1999 u l-Kunsill Ewropew ta' Nizza tal-2002, id-Dikjarazzjoni Konġunta tan-NATO u l-UE tas-16 ta' Diċembru 2002, u billi jitqies ir-riżultat tas-Samit ta' Lisbona tan-NATO ta' Novembru 2010,
- N. billi d-diplomazija ta' samit internazzjonali għandha ssaħħaħ il-potenzjal tagħha sabiex tistimula kooperazzjoni multilaterali iktar wiesgħa, bil-ħsieb li tinholq sigurtá globali permezz tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u tissaħħaħ is-sigurtá tal-bniedem,
- O. billi t-tibdiliet demografiċi drammatiċi li qed iseħħu, kemm fl-UE kif ukoll barra, se jkollhom konsegwenzi għall-multilateraliżmu, hekk kif realtajiet ġodda qed joħolqu pressjoni għall-ħtieġa ta' adattament ta' sħubija, siġġijiet u drittijiet tal-vot f'organizzazzjonijiet multilaterali; billi l-UE, għaldaqstant, hija u tibbilanċja mill-ġdid ir-rappreżentanza tagħha, proċess li inevitabilment se jkollu effett sostanzjali fuq pajjiżi tal-UE, għandha titlob - billi tuża bis-sħiħ l-istrumenti diplomatiċi tagħha - impenn mill-ekonomiji emerġenti għal imġiba kostruttiva fis-sistema multilaterali, bħal fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata internazzjonali u t-tibdil fil-klima; billi l-parteċipazzjoni tal-UE fi strutturi emerġenti għal tmexxija globali u n-negozjazzjoni ta' regoli u prinċipji ġodda jeħtieġu kompromessi ma' dawk il-pajjiżi u atturi ġodda li qed jagħmlu sforzi sabiex il-vuċijiet

tagħhom jinstemgħu fix-xenarju internazzjonali,

- P. billi l-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet tan-nisa u t-tfal u l-libertà tal-espressjoni, l-istat tad-dritt, it-tisħiħ tas-sigurtà, l-istabbiltà demokratika, il-prosperità, u id-distribuzzjoni ġusta tad-dħul, il-ġid u l-opportunitajiet fis-soċjetà għandhom ikunu fil-qalba tal-azzjoni esterna kollha tal-UE; billi iktar tisħiħ tas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, biex tiġi promossa r-responsabbiltà għal azzjonijiet u tintemm l-impunità, u tiġi promossa l-ħidma importanti tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) bħala l-unika istituzzjoni ġudizzjarja indipendenti u permanti, għandhom ikunu parti integrali tal-azzjoni esterna tal-UE,

Intejbu r-rwol tal-UE fis-sistema multilaterali

1. Jinnota li l-mekkaniżmi tal-UE għall-bini ta' kunsens u għat-teħid ta' azzjoni maqbula jagħmluha mudell għal ordni internazzjonali bbażat fuq regoli u b'hekk jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tikkoopera mal-poteri reġjonali u tipparteċipa b' mod attiv fil-bini u t-titjib ta' ambjent internazzjonali li jħalli lill-UE tippromwovi, kif jesiġi t-Trattat, il-valuri u l-interessi tagħha; partikolarment f'dawk l-oqsma fejn għandha kompetenzi esklussivi jew konġunti, u jqisu essenzjali, rigward l-aspirazzjoni tal-UE u l-ħtieġa li tkun attur globali effettiv u tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha, li ssaħħaħ il-koordinazzjoni interna meħtieġa biex titkellem b'vuċi waħda, l-abbiltà li tiffirma kooperazzjoni multilaterali u tmexxi azzjoni kollettiva f'ħidma fuq sfidi internazzjonali, jiġifieri dawk li joriġinaw mir-responsabbiltà tal-protezzjoni tas-sigurtà umana u l-bżonn li din tittejjeb, bħala mezz għall-ilħiq tas-sigurtà globali;
2. Jenfasizza ż-żieda kbira fil-kriżijiet politiċi u umanitarji fid-dinja li titlob għal azzjoni multilaterali tal-UE mtejba u aktar preventiva; jisħaq għalhekk fuq il-bżonn tal-UE li taħtaf il-mument u tagħmel użu aħjar tal-istrumenti tal-politika barranija tagħha sabiex tiżgura li jkun hemm użu aħjar tal-lieva tagħha fl-organizzazzjonijiet multilaterali u biex ikollha rwol prinċipali biex tindirizza b' mod effettiv il-kriżijiet internazzjonali attwali u futuri;
3. Jemmen li jeħtieġ jiġu involuti aktar l-atturi mhux statali fit-tfassil tal-politiki multilaterali, li tiġi promossa u ffaċilitata konsultazzjoni mtejba mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali fl-istrutturi ta' governanza futuri tal-organizzazzjonijiet internazzjonali; jirrikonoxxi l-esperjenza, ir-riżorsi u l-involviment tagħhom bħala importanti biex jiżdiedu l-leġittimità u l-effettività tal-kooperazzjoni multilaterali; ifakkar li l-approċċ minn isfel għal fuq huwa bżonnjuż biex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet tal-kriżijiet;
4. Jenfasizza li l-Unjoni – billi ttejjeb il-kooperazzjoni, l-istituzzjonijiet u tinvolvi l-parteċipanti kollha – għandu jkollha rwol attiv u ewlieni fir-riforma globali tal-governanza sabiex l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali tagħmilhom iktar leġittimi, effettivi u aktar iwasslu għal responsabbiltà konġunta, filwaqt li tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħha, timxi mal-oġettivi u l-prijoritajiet tagħha u tippromwovi l-prinċipji, valuri u interessi tagħha biex tiffirma dan il-proċess; jinsisti li l-VP/HR għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, tevalwa perjodikament il-kontribuzzjoni tagħha fir-riforma tat-tmexxija globali u kif ir-riformi jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-UE biex tidentifika u tistabilixxi rwol iktar b'saħħtu għaliha;

5. Huwa tal-opinjoni li Stati Membri tal-UE għandhom ikomplu jikkunsidraw lill-UE, u joqogħdu fuqha, bħala multiplikatur tal-poter fl-ilħuq tal-oġettivi li ma jistgħux jiġu akkwistati b'mod indipendenti u li l-fatt li jitkellmu b'leħen wieħed tal-UE mhux biss iżid il-probabbiltà ta' suċċess imma wkoll itejjeb il-leġittimità u l-kredibbiltà tal-UE bħala attur internazzjonali importanti fid-dinja interpolari emerġenti;
6. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi applikat approċċ strateġiku u raġunament koerenti fir-rappreżentanza esterna bl-iżvilupp ta' strateġija mfassla tal-UE fir-rigward ta' kull organizzazzjoni multilaterali bil-għan li ttejjeb ir-rwol tal-UE u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha; jitlob lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni biex ifasslu White Paper dwar ir-rwol tal-UE f'organizzazzjonijiet multilaterali li tipproponi approċċ komprensiv u strateġiku kemm għall-futur fi żmien qasir u fi żmien medju sal-2020;
7. Ifakkar li r-rwol tal-VP/RGħ huwa li tirrappreżenta d-diplomazija Ewropea u tkun il-leħen tagħha, u għal dik ir-raġuni, il-pożizzjoni tagħha trid tiġi affermata fl-organizzazzjonijiet multilaterali;
8. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jirrevedu b'mod sistematiku u strateġiku l-arranġamenti attwali għar-rappreżentanza tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet multilaterali u jsibu modi fejn ir-rappreżentanza esterna tal-UE tista' tissaħħaħ progressivament skont il-kompetenzi tagħha u l-innovazzjonijiet istituzzjonali tat-Trattat ta' Lisbona, billi jagħmlu bilanċi ġodda bejn istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha; minbarra dan, iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jidentifikaw l-entitajiet fejn id-dispożizzjonijiet attwali m'għadhomx fis-seħħ, huma anomali jew ineffiċjenti, u għandhom jerġgħu jiġi eżaminati mill-ġdid u emendati; għalhekk jisħaq fuq il-bżonn għal aktar konsistenza rigward it-tipi differenti tal-istatus tal-UE f'organizzazzjonijiet multilaterali u skemi tat-trattat bħala fatt ta' loġika istituzzjonali, u jitlob lill-Kunsill biex ifassal qafas ċar;
9. Jikkunsidra li fiż-żminijiet attwali ta' awsterità fiskali u tnaqqis fil-baġit, il-kooperazzjoni Ewropea mhijiex għażla fakultattiva iżda neċessità; jilqa' b'sodisfazzjon ekonomiji ta' skala bl-għan li jaġġornaw, jirrazzjonalizzaw u jikkonċentraw id-diplomazija kollettiva tal-Istati Membri permezz tal-SEAE, il-Kummissjoni u Delegazzjonijiet tal-UE bl-għan li jelimina kumplikazzjonijiet proċedurali mhux meħtieġa u duplikazzjoni ta' preżenzi f'bosta fora internazzjonalili tiswa ħafna flus; jikkunsidra li hu essenzjali, f'dan ir-rigward, li jiġi akkwistat appoġġ għal dan il-kawża minn membri oħra ta' organizzazzjonijiet multilaterali, li jeħtieġu preparazzjoni bir-reqqa;
10. Hu tal-fehma li, bħala regola ġenerali u fl-ispirtu tat-Trattat ta' Lisbona, f'każijiet ta' kompetenzi esklussivi, l-UE għandha tkun l-attur preminent bi sħubija sħiħa fl-organizzazzjoni multilaterali kkonċernata, filwaqt li l-Istati Membri tagħha jistgħu ukoll – iżda mhux neċessarjament – ikunu preżenti bħala membri, iżda normalment mingħajr rwol indipendenti; jidhirlu li, jekk Stati Membri iżommu r-rappreżentanza nazzjonali tagħhom f'organizzazzjonijiet fejn l-UE tgawdi kompetenzi esklussivi, huma għandhom jappoġġaw il-pożizzjoni espressa mill-UE li titkellem f'isimhom; huwa tal-fehma li, minbarra dan, fejn ikun hemm kompetenzi komuni tal-Unjoni, l-istandard għandu jkun li sew l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha jkunu membri; filwaqt li jevita mġiba ta' vvutar differenti mill-UE u mill-Istati Membri tagħha;
11. Jisħaq fuq il-bżonn, fid-dawl tar-reazzjoni mdewma u mhux uniformi tal-Istati Membri

tal-UE għall-inkwiet politiku li qed jinfirex mal-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani, li jkun hemm użu aħjar tal-innovazzjonijiet istituzzjonali tat-Trattat ta' Lisbona sabiex jaġixxu b'mod aktar rapidu u koerenti; barra minn hekk, jisħaq fuq il-bżonn għall-UE li ttejjeb il-prevenzjoni tal-kunflitti tagħha u l-ħiliet tal-immaniġġjar tal-kriżi sabiex jiġu indirizzati b'mod proattiv il-kriżijiet futuri;

12. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-UE fil-missjoni kontra l-piraterija ATALANTA fejn il-forza navali tal-UE qed tiegħu rwol ewlieni f'kuntest multilaterali billi tappoġġa l-missjoni tal-Unjoni Afrikana (AMISOM) u permezz tal-koordinazzjoni tat-teatru man-NATO u l-flotot nazzjonali;
13. Jirrimarka li Delegazzjonijiet tal-UE li jagħtu servizz lil gruppi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, jiġifieri fi New York, Ġinevra, Ruma, Vjenna u Nairobi, għandhom bżonn infurzar sostanzjali ta' riżorsi umani kkwalifikati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tal-UE b'suċċess u b'mod effiċjenti;

Ir-rwol tal-UE fis-sistema tan-NU

14. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, fid-dawl tal-fatt li n-NU hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali li fiha l-istati kollha tad-dinja huma rrapreżentati u l-forum primarju li fih jista' jintlaħaq multilateraliżmu effettiv u infurzat, ħalli jsaħħu r-rwol tal-UE u l-kapaċità tagħha f'dan il-qafas mulilaterali globali; jissottolinja l-ħtieġa biex l-UE taqleb f'azzjoni l-appoġġ strateġiku tagħha għan-NU, partikolarment fir-rigward tal-politika u l-mezzi għal azzjoni tagħha fil-qasam umanitarju (rispons għall-kriżijiet u ta' emerġenza, għajjnuna għall-iżvilupp, azzjoni biex tiġġieled il-faqar, mobilizzazzjoni tal-għajjnuna ta' emerġenza u riżorsi li jittrattaw id-diżastri naturali) u fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jitlob lill-UE biex tiegħu pożizzjoni konsistenti ħalli tħeġġeġ ir-rinforz tal-istrumenti ċivili tan-Nazzjonijiet Uniti u l-konformità stretta mal-liġi internazzjonali u l-applikazzjoni tagħha mill-istati, gruppi ta' stati u sħab multilaterali kollha;
15. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha, meta jitqies li f'ħafna programmi u konferenzi tan-NU (UNDP, UNCTAD, OHCHR, UNHRC), l-UE hija sempliċiment osservatur, minkejja li hija kontributor finanzjarju importanti u għandha interessi ta' politika ewlenin, biex ifittxu soluzzjonijiet għal din id-diskrepanza;
16. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jsir bilanċ istituzzjonali ġdid bejn ir-rwol emerġenti tal-G-20, in-NU u l-aġenziji tagħha kif ukoll l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri biex itejbu l-governanza globali u jfittxu soluzzjonijiet biex ikomplu jtejbju l-koordinazzjoni bejn formazzjonijiet G u s-sistema tan-NU, fejn dimensjoni ekonomika tkun tista' tiġi koperta b'mod utli minn dawn il-gruppi, sakemm in-NU żżomm ir-rwol ċentrali u tibqa' l-korp leġittimu għall-azzjoni globali; filwaqt li jikkunsidra l-G-8 u G-20 bħala fora importanti għad-definizzjoni ta' tweġibiet globali li għalihom l-UE għandha tkompli tikkontribwixxi b'mod attiv permezz ta' pożizzjonijiet koordinati, jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ifittxu titjib għall-governanza globali li jisfruttaw sinerġiji u kumplimentaritajiet u ma jiħdux ir-riskju li jnaqqu s-sistema tan-NU;

L-Assemblea Ġenerali tan-NU (UNGA)

17. Filwaqt li jżommu l-istatus ta' osservatur tal-UE fil-UNGA, u konformi mal-Karta tan-NU u n-natura intergovernattiva tan-NU, iħeġġeġ lill-UE biex tassigura – sabiex tagħti kunsens lir-rappreżentanti ġodda tal-UE biex jikkellmu effettivament u f'waqtu dwar kwistjonijiet globali – li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet neċessarji għall-parteċipazzjoni effettiva tal-UE fix-xogħol tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, filwaqt li jsir użu sħiħ tas-setgħat kollha konferiti fuqha permezz tal-istatus tagħha bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali, billi tikkonsulta b'mod sħiħ u komprensiv mal-Istati membri tan-NU;
18. Fid-dawl tar-rwol miżjud ta' blokko reġjonali f'affarijiet internazzjonali, u b'rispett sħiħ għan-natura intergovernattiva tan-NU, jitlob lill-Istati Membri tal-UE biex iħeġġu bidla fl-istruttura tas-sħubija tal-UNGA, filwaqt li jitħeġġeġ l-istatus tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-integrazzjoni (RIOs) b'livell avanzat ta' integrazzjoni bħal ma huwa l-fatt li jkollhom il-personalità legali tagħhom stess, li tagħmilhom osservaturi mtejba;

Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU)

19. Jenfasizza l-ħtieġa għal riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fuq il-bażi tal-ewwel test ta' negozjati u ta' appoġġ wiesa' għar-riforma tal-KSNU, sabiex ikun hemm kjarifika akbar dwar il-kompetenzi tal-KSNU fir-rigward tal-korpi l-oħrajn tan-NU u rieżami tal-metodi ta' ħidma tal-KSNU; jissottolinja wkoll il-ħtieġa li tiġi infurzata l-leġittimità tal-KSNU, ir-rappreżentanza reġjonali u l-effiċjenza u biex joħloq pożizzjoni iktar koesiva fost l-Istati Membri tal-UE dwar il-kwistjonijiet ta' leġittimità, kompożizzjoni, effiċjenza u rappreżentanza reġjonali;
20. Jerġa' jtenni l-opinjoni, b'mod konsistenti mal-finijiet tat-Trattat ta' Lisbona li jtejjeb il-politka barranija tal-UE u r-rwol tal-UE fil-paċi globali, is-sigurtà u r-regolazzjoni, li siġġu permanenti għall-UE f'KSNU mkabbar u riformat jibqa' għan ċentrali u fit-tul tal-Unjoni Ewropea; jitlob lill-VP/RGħ tiegħu inizjattiva b'mod urġenti biex l-Istati Membri jiżviluppaw pożizzjoni komuni għal dak il-għan; jissuġġerixxi, sabiex jintlaħaq dak il-għan fil-futur, li jsir xogħol fuq il-koordinazzjoni minn qabel tal-pożizzjonijiet fil-Kunsill tal-UE, l-introduzzjoni ta' membri ġodda tal-KSNU u riforma fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-KSNU lejn l-użu possibli ta' maġġoranza superkwalifikata;
21. Jistieden lill-VP/RGħ, sabiex fil-kariga tagħha bħala President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tfittex pożizzjonijiet komuni tal-UE dwar kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżi fil-KSNU sabiex dawn il-pożizzjonijiet jiġu implimentati permezz ta' prattika ta' votazzjoni konġunta; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ, lis-SEAE u lill-Istati Membri tal-UE biex ikollhom rwol iktar attiv fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi kooperattivi bl-għan li jiżguraw li Stati Membri tal-UE li jinstabu fil-KSNU jiddefendu fihom pożizzjonijiet komuni tal-UE;
22. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE b'siġġijiet fil-KSNU biex iżommu lil Stati Membri oħra tal-UE informati tajjeb dwar il-pożizzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom u biex jaqsmu informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-KSNU u ma' Stati Membri oħra tal-UE; jilqa' b'sodisfazzjon il-prattika stabbilita dan l-aħħar fejn rappreżentant tal-UE ġeneralment jiġi mistieden jattendi d-deliberazzjonijiet tal-KSNU u jipparteċipa bi dritt limitat li jesprimi ruħu fil-KSNU;

Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UN HRC)

23. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu koordinati pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u li tiżdied il-koerenza, il-viżibilità u l-kredibilità tal-azzjonijiet tal-UE fil-UN HRC; jilqa' l-istabbiliment tad-Direttorat għad-Drittijiet Umani u d-Demokrazija fis-sistema tal-SEAE u jħeġġeġ lill-VP/RGħ tiżgura li l-arranġamenti l-ġodda jżidu l-kapaċità tal-UE li tipparteċipa u tikkoopera dwar inizjattivi konġunti, b'mod transreġjonali, ma' pajjiżi minn blokko oħrajn; hu tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' sħubija ċari fil-UN HRC u li daww il-pajjiżi fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma spissi u mifruxa m'għandhomx jitħallew isiru membri ta' dan il-korp; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-VP/RGħ jieħdu azzjoni ħalli jiffinalizzaw, malajr kemm jista' jkun, l-amalgamazzjoni ta' daww li dari kienu d-delegazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni f'Ġinevra;

Ir-rwol tal-UE fl-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI)

24. Jissottolinja l-ħtieġa li jsir rieżami tal-arranġamenti għar-rappreżentanza taż-żona tal-euro/tal-UE f'korpi internazzjonali fil-qasam tal-istabbiltà ekonomika, monetarja u finanzjarja bi qbil mar-rwol tagħha bħala waħda mis-setgħat ekonomiċi dinjija ewlenin;

Fond Monetarju Internazzjonali (FMI)

25. Jinsisti, minħabba l-kompetenzi ekonomiċi u monetarji tal-UE, ir-relevanza globali taż-żona euro u r-responsabbiltà miżjuda tagħha rigward l-istabbiltà tal-ekonomija globali, li għandha tiġi preżentata opinjoni waħda f'kontributi għall-governanza ekonomika u finanzjarja;

26. Filwaqt li l-Ġermanja, l-Ingilterra u Franza attwalment għandhom siġġijiet uniċi fil-FMI u l-Istati Membri tal-UE li jifdal huma mifruxa fuq seba' kostituzzjonijiet, iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' rappreżentanza ekonomika u finanzjarja esterna ineffettiva, li tillimita l-inflwenza tal-UE minkejja li l-Istati Membri tal-UE flimkien għandhom iktar minn 30 fil-mija tal-voti fil-FMI; billi l-politika monetarja hi kompetenza esklussiva tal-UE għal daww l-Istati Membri li għandhom munita unika, iħeġġeġ l-UE u l-Istati Membri rilevanti biex jaqblu immedjatament dwar siġġu komuni u dwar il-kostitwenza tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI, li possibilmnt jibda bħala kostitwenza tal-euro, bil-ħsieb li għal tul ta' żmien, jassigura rappreżentanza konsistenti tal-UE, li tinvolvi Presidenza tal-Kunsill tal-Ecofin u l-Kummissjoni, suġġetta għall-iskrutinju tal-Parlament Ewropew;

27. Ifakkar lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu użu mill-opportunità tal-elezzjoni regolari li jmiss tad-Diretturi Eżekuttivi tal-FMI fl-2012, biex jirrazzjonalizzaw u jippromwovu sforzi konġunti għall-ġbir flimkien tal-Istati Membri kollha f'sede unika għaż-żona tal-euro għall-unjoni monetarja u għall-kostitwenza tal-bqija tal-Istati Membri li m'għandhomx l-euro;

28. Billi la l-Kummissjoni, la l-Prezidenza rotanti tal-Kunsill u lanqas il-grupp tal-ministri finanzjarji taż-żona euro ma għandhom rappreżentanza formali fuq il-Bord Eżekuttiv tal-FMI, u l-BĊE hu biss osservatur ta' punti tal-aġenda b'relevanza għalih, il-ħtieġa għall-Kummissjoni u l-BĊE, bħala l-korpi tal-Unjoni għal politiki monetarji u ekonomiċi, li jingħataw status sħiħ ta' osservaturi fuq il-Bord Eżekuttiv tal-FMI sabiex jittrattaw l-anomalija sinifikanti ta' rappreżentanza inadegwata fihom;

Il-Bank Dinji (BD) u l-Banek ta' Żvilupp Multilaterali ewlenin

29. Jitlob lill-UE u lill-Istati Memri biex jindirizzaw, bi ftehim mas-sħab tagħhom, l-anomaliya istituzzjonali fejn l-UE hija kontributor prinċipali tal-fondi fiduċjarji tal-BD – fil-fatt donatur ikbar tal-ghajjnuna minn kull wieħed mill-Istati Membri tagħha – u s-sħubijiet operazzjonali tagħha mal-Bank fir-reġjuni Ewropej u Afrikani huma mportanti, iżda għad m'għandhiex status ta' osservatur fuq il-Bord Eżekuttiv (biss fil-kumitat ministerjali tal-politika); jisħaq dwar l-importanza tal-UE kollha kemm hi bħala l-akbar donatur globali u jenfasizza l-isforzi magħmula mill-Unjoni biex tikkordina, tallinja u tnaqqas il-frammentazzjoni tal-programmi ta' ghajjnuna tagħha, b'mod partikolari permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajjnuna u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp; fid-dawl ta' dan jagħraf l-importanza li tħaddem sforzi biex takkwista siġġu bħala osservaturi fuq il-Bord Eżekuttiv u taspira biex tirriforma gruppi ta' pajjiżi politikament skaduti, billi tiġbor flimkien Stati Membri tal-UE taħt l-istess kostitwenza; ifakkar li l-istess prinċipju ta' ġbir flimkien tal-Istati Membri taħt il-kostitwenza tal-UE għandu japplika wkoll għall-Banek ta' Żvilupp Multilaterali ewlenin, b'mod partikolari l-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp, il-Bank Inter-Amerikan għall-Iżvilupp u l-Bank Afrikan għall-Iżvilupp;

Il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI).

30. Filwaqt li jinnotta li l-BĦI hu istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li tiġbor il-banek ċentrali tal-iktar pajjiżi avvanzati, ukoll bis-sħubija l-aktar reċenti tal-banek taċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja, u minħabba l-kompetenza esklussiva tal-BĊE fuq il-politika monetarja, jipproponi li l-BĊE jkun l-uniku rappreżentant taż-żona tal-euro fil-Bord tal-BĦI, u li l-Kummissjoni tkun l-uniku rappreżentant tal-UE fil-Kumitat ta' Basel għas-Sorveljanza Bankarja;

Ir-rwol tal-UE f'organizzazzjonijiet multilaterali tas-sigurtà

Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO)

31. Jistieden lill-UE u lin-NATO, peress li diġà jsiru laqgħat ġenerali fil-livelli kollha, li diġà ġew stabbiliti arranġamenti militari permanenti u ġew organizzati laqgħat okkażjonali konġunti bejn il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) tal-UE u l-Kumitat tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana tan-NATO, biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom favur l-istabbiliment ta' qafas għal kooperazzjoni integrata li tinkludi strutturi permanenti għall-kooperazzjoni; jistieden li jkun hemm kuntatti sistematiki bejn is-Segretarju Ġenerali tan-NATO u r-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni; jipproponi li jiġu studjati l-implikazzjonijiet tal-ħolqien tal-istatus ta' osservatur reċiproku għandu jiġi stabbilit fil-livell tal-NAC u l-PSC sabiex itejjeb l-arranġamenti kooperattivi fl-ispirtu tat-Trattat ta' Lisbona u wara l-adottar min-NATO tal-kunċett ġdid strateġiku tiegħu u minħabba l-ambizzjoni li tiġi żviluppata sħubija strateġika UE-NATO; jilqa' f'dan ir-rigward il-kooperazzjoni eżistenti mal-Parlament Ewropew u l-parteċipazzjoni tiegħu fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO;

32. Hu tal-fehma li għandhom jissaħħu l-arranġamenti li jippermettu lill-UE tagħmel rikors għall-assi u l-ħiliet tan-NATO; jenfasizza l-ħtieġa li ż-żewġ organizzazzjonijiet jiżviluppaw approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-kriżi, li spiss jeħtieġ reazzjoni ċivili-

militari b'ħidmiet simultanji; itenni t-twemmin tiegħu li din tal-aħħar hi kompatibbli mal-iżvilupp fuq Ewropa għad-Difiża awtonoma permezz ta' kooperazzjoni permanenti strutturata u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA);

L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)

33. Fil-kuntest ta' ftehim formali bejn l-UE u l-OSKE, jappella għal riflessjoni serja dwar kif l-UE tista' tiegħu responsabbiltajiet akbar u tipparteċipa b'mod aktar effiċjenti sabiex jintlaħqu għanijiet konġunti, fejn l-implimentazzjoni ta' sistema ta' qbil permanenti dwar inizjattivi konġunti u l-koordinament tal-awtoritajiet lokali jafu jkunu strumenti xierqa; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri u l-Kunsill Permanenti tal-OSKE biex jiżviluppa mekkaniżmu bl-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet; billi l-Artikolu 220(1) tat-TFUE b'mod espliċitu jżid l-OSKE mal-lista ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fejn għandhom jiġu stabbiliti 'forum approprijati ta' kooperazzjoni', jenfasizza l-bżonn li l-VP/RGħ tirrapreżenta lill-UE bħala osservatur fl-OSKE; jenfasizza l-ħtieġa li l-Assemblea Parlamentari tal-OSKE u l-Parlament Ewropew jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni effettiva fil-qasam tal-missjonijiet għall-elezzjonijiet, bil-għan li jingħelbu xi wħud min-nuqqasijiet li nqalġhu f'ċerti okkażjonijiet;
34. Jesprimi għal darb'oħra t-tama tiegħu li jara l-ħolqien ta' politika Ewropea ta' difiża, li qed issir aktar urġenti, fi żmien meta d-dinja qed tiffaċċja żidiet sinifikanti fl-instabilità u fit-thedd;

Ir-rwol tal-UE f'organizzazzjonijiet multilaterali oħra

Il-Kunsill tal-Ewropa (KtE).

35. Sabiex itejjeb il-kooperazzjoni multilaterali UE-Kunsill tal-Ewropa fl-oqsma li huma mportanti għall-UE kif ukoll għall-KtE, pereżempju l-istat tad-dritt, id-demokrazija, l-edukazzjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa, inkluż fuq l-internet u l-governanza tajba, peress li l-UE hi l-ikbar kontributtur ta' programmi konġunti ta' tħaddim mal-KtE, tissottolinja l-ħtieġa li jiġu riformati l-preżenza tal-UE u l-istatus ta' osservatur fil-KtE; jirrakomanda li l-UE tikkoordina aktar xogħolha mal-KtE fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem bl-għan li ttejjeb l-effiċjenza taż-żewġ istituzzjonijiet fl-oqsma msemmija qabel; speċjalment bit-tħejjija għall-adeżjoni li jmiss tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, jenfasizza d-dritt tal-attenzenza, bi drittijiet tal-vot f'isem l-UE, laqgħat tal-Kumitat tal-Ministri tal-KtE meta jaqdi, *inter alia*, il-funzjoni tiegħu ta' monitoraġġ tal-eżekuzzjoni ta' ġudizzji maħruġa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jissottolinja wkoll id-dritt tal-UE li tkun rappreżentata fil-Kumitat ta' Direzzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem - speċjalment wara l-adeżjoni tagħha mal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, li għandu jagħti lill-UE dritt ġenerali li tipparteċipa b'mod sħiħ fil-Kumitat tal-Ministri tal-KtE u tivvota, id-dritt li taħtar imħallef fil-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll id-dritt tal-Parlament Ewropew li jipparteċipa fl-Assemblea Parlamentari tal-KtE meta din tal-aħħar taħtar l-imħallfin; jenfasizza li sabiex iżżid l-effikaċja tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell pan-Ewropew, l-UE għandha taċċedi ukoll għall-korpi l-oħra tal-KtE bħall-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-

Intolleranza (ECRI) u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ);

l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika (OECD)

36. Jagħraf il-ħtieġa, fid-dawl tal-Artikolu 220(1) TFUE li jitlob għal "forom kollha xierqa ta' kooperazzjoni" mal-OECD; li naspiraw li l-istatus attwali tal-UE bħala osservatur fl-OECD jissaħħaħ għal dak ta' membru sħiħ, fid-dawl tal-kompetenzi sostanzjali, esklussivi u konġunti, ftista' tgħid il-kumitati kollha tal-OECD;

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)

37. Iqis li r-rwol tal-UE fid-WTO jservi ta' wieħed mill-mudelli għall-azzjonijiet tal-UE f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, ladarba (inklużi l-l-UNCTAD u l-OECD), permezz tal-kompetenza esklużiva tagħha, l-UE hija membru sħiħ tad-WTO u tinnegozja f'isem l-Istati Membri kollha tal-UE, waqt li fl-istess ħin l-Istati Membri kollha huma wkoll membri tad-WTO u jaħdmu flimkien biex jaġixxu ta' blokk uniku;

38. Huwa tal-fehma li l-ħolqien ta' żewġ delegazzjonijiet separati tal-UE f'Ġinevra bħala riżultat tat-Trattat ta' Lisbona, waħda għad-WTO u l-oħra għan-NU, għandu jsaħħaħ il-kapaċità ta' koordinazzjoni, il-preżenza u l-viżibilità tal-UE, iżda jenfasizza kemm hu importanti li tkun żgurata l-koerenza tal-azzjonijiet bejn iż-żewġ delegazzjonijiet sabiex tkun tista' tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol;

39. Jitlob li l-UE tqis u tiddefendi interessi Ewropej speċifiċi fid-WTO; b'mod partikolari hija għandha tesiġi trattament partikolari tal-kwistjonijiet agrikoli u tiżgura d-difiża ta' ċerti reġjuni jew setturi Ewropej sensitivi, kif ukoll tippromwovi l-kummerċ ġust li jippermetti l-iżvilupp sostenibbli;

40. Jitlob li titqies bis-sħiħ il-kwestjoni ta' kif jista' jkun meqjus aħjar it-tħassib mhux relatat mal-kummerċ fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tad-WTO, sabiex il-membri jkunu jistgħu jsegwu objettivi leġittimi ta' politika waqt li jissalvagwardjaw l-aċċess għas-suq; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-ħtieġa li tkun żgurata l-konsistenza tal-politika tal-kummerċ ma' politiki oħra tal-UE u l-liġi internazzjonali, u li l-azzjonijiet tad-WTO jkunu konsistenti ma' azzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u jappoġġawhom reċiprokament;

41. Jidentifika s-setgħat ta' implimentazzjoni tad-WTO maħluqa permezz tal-entità tas-soluzzjoni tat-tilwim tagħha bħala element ewlieni ta' suċċess ta'd in l-organizzazzjoni;

Ir-rwol tal-UE fid-'diplomazija tas-samits' – ambizzjonijiet fil-G-8 u l-G-20

42. Filwaqt li jinnota l-piż ekonomiku u finanzjarju globali, il-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi strateġiċi tal-UE fix-xena internazzjonali u l-fatt li l-aġendi tas-samit tal-G-8 twessgħu b'mod konsiderevoli biex jindirizzaw sensiela ta' politiki ta' sigurtà, li jvarjaw mid-drittijiet tal-bniedemi, għas-sigurtà reġjonali sal-kontroll tal-armi, hu tal-opinjoni li l-UE għandha tipparteċipa fil-proċess tal-G-7/G-8 u għandha tiġi rappreżentata b'mod sħiħ fil-laqgħat tal-ministri tal-finanzi tal-G-7; jimmarka l-ħtieġa għal titjib fil-koordinazzjoni tal-UE qabel il-laqgħat tal-G-7 u G-8, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-parteeċipazzjoni mill-qrib tal-Parlament Ewropew;

43. Meta wieċed jikkunsidra l-kompetenzi esklussivi jew komuni tal-UE f'żoni fejn il-G-20 teżerċita influwenza sinifikanti u dejjem tikber (jiġifieri regolazzjoni tas-suq finanzjarju, koordinazzjoni tal-politika ekonomika, inklużi kwistjonijiet tar-rata tal-kambju, is-sistema monetarja internazzjonali, appoġġ fl-iżvilupp, kwistjonijiet kummerċjali multilaterali, il-għieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, l-ambjent jew sikurezza tal-enerġija), tistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jikkollaboraw mas-sħab tagħhom biex jinkiseb il-koordinament u l-allinjament sħiħ tal-messaġġi fost il-ħames pajjiżi Ewropej u r-Rappreżentant tal-UE li jipparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-G-20 sabiex jassikuraw parteċipazzjoni effikaċi tal-UE fil-laqgħat ministerjali tal-G-20;
44. Jinnota koperazzjoni akbar mal-Istati Uniti fil-fora 'mini-laterali' relatati ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi speċifiċi, mill-G-8 għall-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Balkani, mill-Kwartett tal-Lvant Nofsani għall-5+1 dwar l-Iran; ifakkar li l-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq is-solidarjetà bejn il-Membri tagħha u għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' msieħba dwar deċiżjonijiet ta' interess komuni li fl-aħħar mill-aħħar għandhom iwasslu għal soluzzjonijiet multilaterali effettivi u konsistenti għall-benefiċċju tal-partijiet kollha kkonċernati; jistieden għalhekk lill-VP/RGħ tindirizza l-isfidi attwali għall-multilateraliżmu effettiv u jemmen li strateġija riveduta dwar din il-kwistjoni għandha timmira li tikseb viżibilità u rikonoxximent akbar għall-UE, inkluż l-obbligu li l-"mini gruppi" jikkonsultaw is-sħab tal-UE u jiksbu mandat mill-UE;

◦
◦ ◦

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri tal-UE u lill-parlamenti nazzjonali.

14.4.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-UE bħala attur globali: ir-rwol tagħha fl-organizzazzjonijiet multilaterali (2010/2298(INI))

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li r-rwol tal-UE fid-WTO jservi ta' wieħed mill-mudelli għall-azzjonijiet tal-UE f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (inklużi l-UNCTAD u l-OKŻE), ladarba, permezz tal-kompetenza esklużiva tagħha, l-UE hija membru sħiħ tad-WTO u tinnegozja f'isem l-Istati Membri kollha tal-UE, waqt li fl-istess ħin l-Istati Membri kollha huma wkoll membri tad-WTO u jaħdmu flimkien biex jaġixxu ta' blokk uniku;
2. Jitlob lill-Kummissjoni telabora r-riflessjoni tagħha dwar sħubija sħiħa f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNCTAD u l-OKŻE u biex tippreżenta l-elaborazzjonijiet tagħha, għal iktar evalwazzjoni, lill-Parlament u l-Kunsill ukoll;
3. Huwa tal-fehma li l-ħolqien ta' żewġ delegazzjonijiet separati tal-UE f'Ġinevra bħala riżultat tat-Trattat ta' Lisbona, waħda għad-WTO u l-oħra għan-NU, għandu jsaħħaħ il-kapaċità ta' koordinazzjoni, il-preżenza u l-viżibilità tal-UE, iżda jenfasizza kemm hu importanti li tkun żgurata l-koerenza tal-azzjonijiet bejn iż-żewġ delegazzjonijiet sabiex tkun tista' tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol;
4. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri jadottaw strateġija identika għal perjodu ta' żmien medju u twil għall-promozzjoni u d-difiża ta' pożizzjoni komuni fi ħdan id-WTO;
5. Jitlob li l-UE tqis u tiddefendi interessi Ewropej speċifiċi fid-WTO; b'mod partikolari hija għandha tesiġi trattament partikolari tal-kwistjonijiet agrikoli u tiżgura d-difiża ta' ċerti reġjuni jew setturi Ewropej sensitivi, kif ukoll tippromwovi l-kummerċ ġust li jrawwem l-iżvilupp sostenibbli;
6. Iqis li n-negozjati tar-Rawnd ta' Doha, li damu għaddejnin ħafna, enfasizzaw il-ħtieġa sistemika għat-titjib tal-funzjonament tad-WTO bħala forum ta' negozjati u li għalhekk l-UE għandha ttipprova;
 - tintroduċi fil-proċess tan-negozjati evalwazzjoni ex-ante ta' inkonsistenzi potenzjali ta' ftehimiet milħuqa fid-WTO ma' trattati u konvenzjonijiet eżistenti tan-NU kif ukoll ftehimiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tagħhom;
 - iżżomm il-prinċipju tal-kunsens fit-teħid tad-deċiżjonijiet tad-WTO iżda wkoll tesplora soluzzjonijiet alternattivi;
 - issaħħaħ is-segretarjat tad-WTO u żżid ir-riżorsi għall-appoġġ tekniku, speċjalment għal dawk il-membri tad-WTO li huma pajjiżi li qed jiżviluppaw;

- toħloq kuntest istituzzjonali li jiddistingwi aħjar bejn in-negozjati dwar ir-regoli u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti;
 - issaħħaħ ħafna d-dimensjoni parlamentari tad-WTO sabiex iżżid il-leġittimità demokratika u t-trasparenza tan-negozjati fid-WTO;
 - tiddefendi l-oġġettivi Ewropej ta' żvilupp sostenibbli u tal-ħarsien tad-drittijiet soċjali, tal-bniedem u ambjentali, fl-iskambji kummerċjali;
7. Jitlob li titqies bis-sħiħ il-kwestjoni ta' kif jista' jkun meqjus aħjar it-tħassib mhux relatat mal-kummerċ fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tad-WTO, sabiex il-membri jkunu jistgħu jsegwu oġġettivi leġittimi ta' politika waqt li jissalvagwardjaw l-aċċess għas-suq; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-ħtieġa li tkun żgurata l-konsistenza tal-politika tal-kummerċ ma' politiki oħra tal-UE u l-liġi internazzjonali, u li l-azzjonijiet tad-WTO jkunu konsistenti ma' azzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u jappoġġawhom reċiprokament;
 8. Iħeġġeġ dixxiplini politiki oħrajn biex iqisu aktar spiss kif oqsma ta' politika oħrajn jistgħu min-naħa jaffettwaw b'mod negattiv u min-naħa l-oħra jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-politika kummerċjali; jissuġġerixxi li dixxiplini politiċi oħrajn ukoll jintroduċu mekkaniżmi ta' soluzzjoni tat-tilwim vinkolanti fl-organizzazzjonijiet multilaterali tagħhom;
 9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi lin-negozjaturi kummerċjali tagħha, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'reġistru ta' trattati u konvenzjonijiet tan-NU ffirmati mill-Istati Membri tal-UE, sabiex trendi trasparenti l-acquis communautaire attwali rigward l-obbligi internazzjonali vinkolanti u l-liġi internazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twaqqaf unità dedikata biex tosserva l-konsistenza ta' negozjati ta' ftehimiet kummerċjali ma' obbligi internazzjonali vinkolanti eżistenti oħra pereżempju dawk stabbiliti mill-Istqarrija Universali dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem;
 10. Jidentifika s-setgħat ta' implimentazzjoni tad-WTO maħluqa permezz tal-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim tagħha bħala element fundamentali għas-suċċess ta' din l-organizzazzjoni;
 11. Jistieden lill-UE ssaħħaħ kemm il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xoġħol (ILO) u organizzazzjonijiet oħra komparabbli;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Kader Arif, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Marielle De Sarnez, Metin Kazak, Bernd Lange, David Martin, Emilio Menéndez del Valle, Vital Moreira, Paul Murphy, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Keith Taylor, Iuliu Winkler, Pablo Zalba Bidegain, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Bearder, George Sabin Cutaş, Elisabeth Köstinger, Jörg Leichtfried, Carl Schlyter
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Véronique Mathieu, Csaba Sógor

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 53 -: 5 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Franziska Katharina Brantner, Frieda Brepoels, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Heidi Hautala, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Ioannis Kasoulides, Andrey Kovatchev, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Vincent Peillon, Alojz Peterle, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Véronique De Keyser, Georgios Koumoutsakos, Barbara Lochbihler, Norbert Neuser, Doris Pack, Vittorio Prodi, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Alf Svensson, Ivo Vajgl, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, María Irigoyen Pérez